**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Rev. Saċerdoti, Djoċesani u Reliġjużi

Nhar it-Tnejn, 29 ta' Ġunju 2015, solennità tal-Appostli San Pietru u San Pawl, Papa Franġisku ser imexxi Quddiesa kkonċelebrata mal-Arċisqfijiet Metropoliti ġodda. Fi tmiem din il-Quddiesa solenni, il-Papa privatament ser jagħti lilhom, fosthom lill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Charles J. Scicluna, il-*pallium*, simbolu tal-għaqda tiegħu u tal-Knisja f'Malta mal-Papa u mal-Knisja Kattolika.

Nhar is-Sibt, 11 ta' Lulju 2015, fl-10.00 a.m., fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt, ser issir Quddiesa li fiha l-E.T. Mons. Mario Roberto Cassari, in-Nunzju Appostoliku l-ġdid għal Malta, iqiegħed fuq spallejn l-Arċisqof il-*pallium* quddiem rappreżentanza ta' Nsara mill-parroċċi ta' Malta.

Tkun ħaġa sabiħa jekk il-presbiteri li jistgħu jkunu preżenti jingħaqdu ma' Mons. Arċisqof f'din iċ-ċelebrazzjoni.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 19 ta' Ġunju 2015.

| | |
|---|---|
| Lawrence Gatt<br>Kanċillier | Joe Galea Curmi<br>Vigarju Ġenerali |